PDF Compressor Pro





*Waqt il-Quddiesa konċelebrata. Jidhru mix-xellug, Patri Joe Muscat, Patri Gwardjan Karm Dimech, Patri Provinċjal Joe Alessandro u Mons. Salvu Grima.*

# Jiċċelebraw Jum Twelid il-Fundatur

Il-Gruppi ta' Talb Għawdxin, iltaqgħu fil-Knisja tal-Patrijiet Kapuċċini, fir-Rabat, Għawdex, biex jiċċelebraw Jum Twelid il-Fundatur tagħhom Padre Pio di Pietrelcina. F'din l-okkażjoni, il-membri ta' dawn il-Gruppi ppreżentaw żewġ Boroż ta' Studju lill-Provinċjal tal-Kapuċċini f'Malta, Patri Joe Alessandro, b'riżq il-Missjunarji Kapuċċini tal-Kenja.

Il-membri ta' dawn il-Gruppi ta' Talb ħassew li ġest bħal dan kien jixraq tassew f'okkażjoni bħal din. Dan għaliex huma jafu tajjeb kemm Patri Piju kellu għal qalbu l-Missjoni. Tant hu hekk, li fl-1905, meta Patri Piju kien għadu seminarista fil-kunvent ta' *Sant'Elia a Pianisi*, kien talab bil-ħerqa lill-Ministru Ġenerali tal-Provinċja, Patri Bernardo D'Andermatt, biex jibagħtu Missjunarju. Il-Provinċjal ma kellux triq oħra ħlief li jirrifjuta din it-talba minħabba li Patri Piju kien marradi ħafna u għalhekk saħħtu ma kinitx tippermetti li jmur il-Missjoni.

Wara diversi talbiet oħra, li kollha kemm huma ma ġewx aċċettati, Patri Piju fl-aħħar irrassenja ruħu u fl-1922 insibu li kiteb hekk lil Mosinjur Poli, Vigarju Appostoliku fl-Indja, "Sa nwettaq il-Missjoni tiegħi b'talb umli, ferventi u ma jaqta' xejn. Iva Padre, fiżikament ninsab hawnhekk, imma ninsab magħqud magħkom fl-ispirtu."

Għalhekk, meta l-membri kienu jafu dan kollu, ma setgħux ma jħossux id-dmir li jagħmlu dak id-daqsxejn ta' sagrifiċċju biex jgħinu kif jistgħu lill-Missjunarji Kapuċċini, u hekk ipattu xi ftit għal dak li xtaq jagħmel Patri Piju, imma saħħtu ma kinitx ippermettitlu li jagħmel dan.



*Vince Vella, lider tal-Grupp ta' Talb ta' Patri Pio Mater Salus Infirmorum ta' Victoria, li f'isem il-Gruppi kollha ta' Talb Għawdxin, jidher qed jippreżenta ż-żewġ boroż ta' studju lill-Provinċjal Patri Joe Alessandro. Ħdejh jidher ukoll it-Tabib Karistu Attard, viċi kap tal-istess Grupp ta' Victoria.*



*Jidhru wħud mill-membri tal-Gruppi ta' Talb Għawdxin flimkien mal-Provinċjal, Patri Joe Alessandro u Diretturi Spiritwali, quddiem is-Santwarju tal-Madonna tal-Grazzja wara li spiċċat il-Quddiesa*

# Pjanti li jikbru fiċ-Ċittadella

Il-*Kamomilla Aurea* hi pjanta endemika taċ-Ċittadella ta' Għawdex. Kien maħsub li din il-pjanta kienet inqerdet mill-Gżejjer Maltin u issa reġgħet dehret fuq il-parapetti taċ-Ċittadella. Bħalissa għaddej eżerċizzju bejn il-MEPA u l-Ministeru għal Għawdex għall-monitoraġġ tat-tkabbir u tixrid ta' din il-pjanta. Pjanti oħra rari li jikbru wkoll fuq iċ-Ċittadella jinkludu l-Papoċċi ta' Malta *(Linaria pseudolaxiflora)*. Din il-pjanta wkoll kienet meqjusa bħala estinta miċ-Ċittadella.



*Ritratt: John Cremona, uffiċjal fil-Ministeru għal Għawdex u li għandu ħafna għall-qalbu wirt missirijietna, jidher jiffi u jispjega l-pjanta Kamomilla Aurea*

**AĦBARIJIET MINN GĦAWDEX ma' Charles Spiteri**





*Is-Saċerodti l-ġodda flimkien ma' Mons. Isqof Mario Grech wara l-quddiesa tal-ordinazzjoni. Mix-xellug jidhru Dun Anthony Bajada, Dun Richard Nazzareno Farrugia u Dun Joseph Curmi*

# Tliet Saċerdoti ġodda

Nhar is-Sibt li għadda, 13 ta' Ġunju, Mons Isqof Mario Grech mexxa quddiesa solenni li fiha amministra s-Sagrament tal-Ordni Sagri lil tliet presbiteri ġodda, Dun Anthony Bajada, Dun Joseph Curmi u Dun Richard Nazzareno Farrugia. It-tliet saċerdoti novelli huma mill-Parroċċa tat-Twelid tal-Madonna, ix-Xagħra.

Il-Knisja f'Għawdex laqgħet bil-ferħ lil dawn is-saċerdoti ġodda, u filwaqt li tkompli titlob għalihom u għal aktar vokazzjonijiet, tawguralhom ħidma fejjieda fil-għalqa tal-Mulej.



Dehra tal-Knisja tal-Qalb ta' Ġesù fil-Fontana fl-okkażjoni tal-ftuħ tas-Sena Saċerdotali

# Ftuħ tas-Sena Saċerdotali

Nhar il-Ġimgħa, 19 ta' Ġunju, Solennità tal-Qalb Mqaddsa ta' Ġesù, fetħet is-Sena Saċerdotali Speċjali bit-tema *Il-Fedeltà ta' Kristu, il-Fedeltà tas-Sacerdoti.*

Fil-Parroċċi tad-Djoċesi Għawdxija u f'diversi knejjes oħra matul il-ġurnata sar talb u Adorazzjoni Ewkaristika Solenni għall-Qdusija tas-Saċerdoti.

Fil-Parroċċa ta' Fontana, filgħaxija, saret Siegħa Adorazzjoni mis-Saċerdoti għall-Qdusija tas-Saċerdoti stess, immexxija minn Mons. Isqof Mario Grech, li għamel ukoll diskors tal-okkażjoni.

Dak inhar stess filgħaxija, fil-Parroċċi tad-Djoċesi saru wkoll purċissjonijiet b'Ġesù Ewkaristija.



*Mons. Isqof Mario Grech waqt id-diskors tiegħu tal-okkażjoni. Jidhru wkoll Fr Alex Refalo, (xellug) is-Saċerdot li bħalissa qed imexxi l-Parroċċa ta' Fontana u ċ-Ċerimonier, Fr Roberto Gauci*

**APPELL lill-Għaqdiet Maltin**

Irriklamaw l-attivitajiet tagħkom bi ħlas, b'hekk tkunu qed tgħinu fil-kontinwità tal-pubblikazzjoni ta' din l-unika gazzetta bil-Malti.

**Għal kull informazzjoni ċemplu (02) 9637 9992**